MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Numru. 742/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Portelli**

**vs**

**Aaron Axisa**
**Tony Abela**

Il-Qorti:

Rat l-imputati Aaron Axisa ta’ 24 sena, bin Carmelo u Marianna nee’ Bartolo, imwieled Pieta’ fid-19 ta’ Awwissu 1982 u residenti fil-fond numru 28, Sqaq tal-Baggi, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita’ numru 461582(M) u l-imputat Tony Abela ta’ 34 sena, bin John u Anna nee’ Zammit imwieled Pieta’ fis-7 ta’ Jannar 1971 u residenti fil-fond numru 15, Triq San Pietru, Qormi u detentur tal-

karta tal-identita' numru 109171(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Lill-Aaron Axisa wahdu akkuzat talli gewwa z-Zurrieq nhar it-28 ta' Frar 2005 f'xi hin wara s-7:00 ta' filghaxija, seraq van ta' ghamla Toyota Hilux li ghandu n-numru tar-registrazzjoni FAZ-584 ghad-detriment ta' Karmnu Chetcuti mill-Mqabba, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-Lm1000, bix-xorta tal-haga misruqa w bil-hin;

Aaron Axisa w Tony Abela flimkien akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer f'diversi lokalitajiet differenti matul ix-xhar ta' Marzu 2005 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

F'dawn il-Gzejjer f'diversi lokalitajiet differenti matul ix-xahar ta' Marzu 2005 u fix-xhur ta' qabel, ikkommettew serq ta' diversi cilindri tal-gas u oggetti ohra li globalment jammontaw ghal madwar Lm300 u dan sar ghad-detriment ta' diversi persuni;

Lill Tony Abela wahdu akkuzat talli fil-31 ta' Dicembru 2003 u/jew fil-granet ta' wara din id-data kkommettew serq ta' kwantita' ta' kotba minn imhazen li huwa sitwat fi Triq ir-Ross, Marsa ghad-dannu tad-dirigenti ta' l-Allied Newspapers Ltd., liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000);

Tony Abela wahdu akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu tad-dirigenti ta' l-Allied Newspapers Ltd., liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm10) izda ma tiskorrix-il hamsin Lira Maltin (Lm50);

Aaron Axisa wahdu akkuzat talli kiser ordni ta' probation moghtija lilu fit-08.02.2005 mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta Dr. M. Mallia LL.D;

Aaron Axisa wahdu akkuzat talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 1 t'Ottubru 2008 (esebita a fol. 241 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

<u>FIL-KONFRONT TA' AARON AXISA :</u>
(a) fl-artikoli 261 (c)(g)(f), 267, 270, 271, 279, 280 tal-Kodici Kriminali;
(b) fl-artikoli 18, 261(c), 267, 279 tal-Kodici Kriminali;
(c) fl-artikoli 7, 21 tal-Kap. 446;
(d) fl-artikoli 49, 50, 289, 533 tal-Kodici Kriminali;

<u>FIL-KONFRONT TA' TONY ABELA:</u>

(a) fl-artikoli 18, 261(c), 267, 279 tal-Kodici Kriminali;
(b) fl-artikoli 261(b)(c), 263, 267, 278, 279 tal-Kodici Kriminali;
(c) fl-artikoli 325, 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat li waqt l-udjenza tat-13 ta' Mejju 2011, l-imputati ddikjaraw li huma m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw varji serqiet li huma dawn li gejjin; serq ta' vann tal-marka Toyota Hilux bin-numru tar-registrazzjoni FAZ 584 liema serq sehh fit-28 ta' Frar, 2005 miz-Zurrieq wara s-7.00pm u sar ghad-detriment ta' Karmenu Chetcuti u huwa aggravat bil-valur, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-hin, kif ukoll serq ta' diversi cilindri tal-gass u oggetti ohra li l-valur globali

taghhom jammonta ghal madwar Lm300 u liema serq sar fix-xahar ta’ Marzu, 2005 u qabel minn diversi lokalitajiet f’Malta u li saru ghad-detriment ta’ diversi persuni, u fl-ahhar nett serqa li saret fil-31 ta’ Dicembru, 2003 u/jew fil-granet ta’ wara fejn insterqu kwantita’ ta’ kotba li l-valur taghhom kien jammonta ghal Lm9660.20 mill-imhazen ta’ Allied Newspapers Limited, fi Triq ir-Ross, il-Marsa u liema serq huwa kwalifikat bil-valur li jeccedi l-Lm1,000 u bil-mezz. L-imputat Aaron Axisa wahdu jinsab akkuzat bis-serq tal-vann, filwaqt li l-imputat Tony Abela wahdu jinsab akkuzat bis-serq mill-imhazen tal-Allied Newspapers fil-Marsa. L-imputati Axisa u Abela flimkien jinsabu akkuzati bis-serq tac-cilindri tal-gass. Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur u Investigattiv f’dan il-kaz l-Ispettur Anthony Portelli li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-12 t’Ottubru, 2007 jirrizulta li meta huwa kien qed jinvestiga l-varji rapporti li rceviet il-Pulizija dwar is-serq ta’ diversi cilindri tal-gass minn quddiem varji residenzi fiz-Zurrieq huwa nghata nformazzjoni li kienu l-imputati Aaron Axisa u Anthony Abela li wettqu s-serq ta’ dawn ic-cilindri u meta huwa nterroga lill-imputati huma rrilaxxjaw diversi stqarrijiet (li jinsabu nseriti a  fol. 34 sa 47) fejn ammettew l-involviment taghhom fis-serq ta’ varji cilindri tal-gass u ndikaw lil Pulizija il-postijiet minn fejn kienu serqu c-cilindri tal-gass. Huma spjegaw li bejn Ottubru, 2004 u Marzu, 2005 serqu bejn 20 u 30 cilindru tal-gass u kienu jmorru barra residenzi bil-vettura ta’ Abela, u Axisa kien jinzel mill-vettura u jiehu c-cilindri tal-gass li kien isib barra d-djar. Huma qalu wkoll li kienu jbieghu dawn ic-cilindri ghal Lm4 l-wiehed izda ma ndikawx lil min kienu jbieghuhom. Aaron Axisa inoltre ammetta mal-Pulizija li huwa kien wettaq is-serq tal-vann Toyota Hilux bin-numru tar-regsitrazzjoni FAZ 584 fit-28 ta’ Frar, 2005 miz-Zurrieq u spjega li huwa ghamel hekk ghaliex ma’ kellux flus ghal tal-linja u ra l-vann bic-cwievet fl-ignition u hadu sabiex imur id-dar bih u mbaghad abbandunah fejn il-korsa tat-tigrijiet, il-Marsa fejn sussegwentement sabu sidu. Dwar is-serqa mill-imhazen tal-Allied Newspapers l-Ufficjal Prosekutur xehed li huwa rcieva nformazzjoni kunfidenzjali li l-imputat Tony Abela kien involut f’din is-serqa u meta huwa nterrogah dwarha l-imputat Tony Abela ammetta li huwa kien wettaq din is-

serqa ma’ persuna ohra, certu Martin Pirotta, u qal li dan tal-ahhar kien biegh il-kotba ghal Lm40 u ghaddielu Lm20 minnhom. Huwa qal lill-Ispettur Anthony Portelli li kienu dahlu fil-mahzen ghaliex sabuh miftuh.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-atti processwali jirrizulta car li l-Prosekuzzjoni strahet fuq dak li qalu l-imputati fl-istqarrijiet minnhom rilaxxjati fejn huma ammettew l-involviment taghhom fis-serqiet li saret referenza ghalihom fil-paragrafi precedenti u li huma elenkati fl-istess stqarrijiet. Ghalkemm mill-atti processwali jirrizulta li l-Prosekuzzjoni gabet il-prova li saru dawn is-serqiet u dan billi gew esebiti l-okkorrenzi relattivi u anki billi telghu jixhdu d-derubati, ma’ ngabet l-ebda prova ohra, oltre l-istqarrijiet rilaxxjati miz-zewg imputati, li b’xi mod timplika lill-imputati mas-serqiet li huma jinsabu akkuzati li wettqu. Ma’ ngab hadd jixhed li identifika lill-imputati jew lil xi wiehed minnhom bhala l-persuna jew persuni li raw jeffetwaw is-serq in dizamina jew xi hadd li indika n-numru tar-registrazzjoni tal-vettura li ntuzat u l-anqas ma’ ngabet xi prova ohra forensika li tallacja lill-imputati mas-serqiet. Minn ezami tal-istqarrijet rilaxxjati mill-imputati jirrizulta li huma ma’ nghatawx id-dritt li jikkonsultaw ma’ avukat qabel ma’ rrilaxxjaw l-istess stqarrijiet u ghalhekk in linea mal-izviluppi kostituzzjonali recenti din il-Qorti jidrilha li m’ghandhiex triq ohra salv dik li tqies dawn l-istqarrijiet bhala prova mhux ammissibbli f’dawn il-proceduri u fin-nuqqas ta’ provi ohra li jallaccjaw liz-zewg imputati mas-serqiet li jifformaw il-mertu ta’ dan il-kaz ser ikollha tqies li l-imputazzjonijiet addebitati liz-zewg imputati ma’ gewx pruvati sal-grad rikjest mill-ligi u konsegwentement tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-istess imputazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------